**DEĊIŻJONI LI ILMENT MA JKOMPLIX JIĠI INVESTIGAT**

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 146 (Każ K/060) |
| **Allegazzjoni:** | Deċiżjoni abbużiva li l-eks Prim Ministru Joseph Muscat jitħalla juża passaport diplomatiku |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 15 ta' Marzu 2023 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 2 ta' Awwissu 2024 |

**L-Ilment**

1. Fil-15 ta' Marzu 2023, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ilmentatur) talab investigazzjoni tal-Prim Ministru Robert Abela talli ppermetta li l-eks Prim Ministru Joseph Muscat jibqa' juża passaport diplomatiku minkejja li Dr Muscat ma kienx għadu uffiċjal jew rappreżentant tal-gvern ta' Malta.

2. Fl-ilment tiegħu, l-Ilmentatur irrefera għal artiklu fil-ġurnal *The Malta Independent* tal-jum preċedenti, ossia l-14 ta' Marzu 2023,[1] u qal:

> *It results that Prime Minister Abela is allowing Joseph Muscat* ***to continue to retain and use a diplomatic passport****, when Joseph Muscat is no longer a public official or representative of the government of Malta.*
>
> *This is an unheard of misuse of power. A diplomatic passport is retained and used by officers of the Maltese state or persons working on diplomatic missions for the Maltese authorities. Joseph Muscat is neither of the two.*

---

[1] Ara https://www.independent.com.mt/articles/2023-03-14/local-news/Diplomatic-passport-was-part-of-Joseph-Muscat-s-Prime-Minister-termination-package-6736250375.

*It is also objectionable that Joseph Muscat who is now in private business, should benefit from the continued use of that diplomatic passport (a public "good") to benefit privately and individually.*

*In view of this I would ask you to investigate whether the Prime Minister Robert Abela is breaching the Code of Ethics by not withdrawing the use of the diplomatic passport by Joseph Muscat as it is against the Code of Ethics for Ministers and Parliamentary Secretaries (as appearing in the second schedule of the Standards in Public Life Act (chapter 570 of the laws of Malta)) because*

- *there is no law contemplating non-diplomats or persons who are not public officials from having a diplomatic passport, so allowing this retention and use to this day, is in breach of law and the duty of objectivity and accountability.*
- *There is a breach of Paragraph 7.9 of the Code of Ethics (which has been allowed by Prime Minister Abela to this day). This states:*

  *7.9 When a Minister terminates his appointment, he shall return to the Cabinet Secretary all the documents, material and resources that were given and entrusted to him in order to perform his duties.* ***As customary, it is within the Prime Minister's discretion to permit to ex-Ministers reasonable access to documents and material concerning the period during which they held ministerial office.***

***It is questionable whether a diplomatic passport falls under the definition of "documents and material" in this Paragraph, but even if it were - it is not "reasonable" for Prime Minister Abela to allow a former Prime Minister to retain access of a diplomatic passport for more than 3 years after he has left office. This is a continuing breach of this paragraph and therefore not time barred.*** [Enfażi fl-oriġinal.]

3. L-ilment huwa anness ma' din id-deċiżjoni bħala d-**Dokument A**.

**Il-Kuntest**

4. Fl-artiklu imsemmi, *The Malta Independent* irrapportat li l-eks Prim Ministru Dr Joseph Muscat kien ingħata permess iżomm passaport diplomatiku bħala parti mill-pakkett ta' benefiċċji ta' tmiem il-kariga li ġie mogħti lilu wara li rreżenja mill-kariga ta' Prim Ministru f'Diċembru tal-2019. Din l-informazzjoni

ħarġet meta l-Onor. Prim Ministru Dr Robert Abela kien qiegħed iwieġeb mistoqsija parlamentari.

5. Artiklu ippubblikat mill-istess ġurnal fis-26 ta' Marzu 2023[2] jgħid li skont kelliem tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, il-passaporti diplomatiċi għandhom jintużaw biss waqt safar għal skop uffiċjali. Dan l-artiklu jgħid li l-kelliem tal-Ministeru irrefera għal dokument intitolat "diplomatic passport policy", li jinkludi fih il-kriterji li jiddeterminaw min hu eliġibbli għal passaport diplomatiku, iżda l-ġurnal ma ngħatax kopja tad-dokument.

6. Fis-16 ta' Ottubru 2023, id-diplomatic passport policy (edizzjoni ta' Lulju 2021) ġiet imqegħda fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati bħala parti minn risposta għal mistoqsija parlamentari.[3]

**Indaġni Preliminari**

7. Dan l-Uffiċċju kiteb lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ fit-30 ta' Marzu 2023 biex jitlob kopja tad-diplomatic passport policy. Din ġiet provduta fl-24 ta' April 2023. L-istess dokument aktar tard tqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati kif indikat fuq.

8. Dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lis-Segretarju Permanenti fit-3 ta' Novembru 2023 sabiex jitlob kjarifiċi dwar il-policy, b'mod partikolari x'inhuma meqjusa bħala dmirijiet uffiċjali fil-każ ta' eks Prim Ministri, u kif jiġi żgurat li eks Prim Ministri jużaw il-passaport diplomatiku tagħhom biss għal dawn il-finijiet (ittra annessa bħala d-**Dokument B**).

9. Is-Segretarju Permanenti wieġeb bl-email fit-30 ta' Novembru 2023 (**Dokument Ċ**). Huwa qal li l-ministeru kien bi ħsiebu jirrevedi l-policy sabiex l-użu ta' passaporti diplomatiċi jintrabat b'mod aktar dirett mal-qadi ta' dmirijiet uffiċjali. Qal ukoll li fil-każ ta' eks Prim Ministri, dmirijiet uffiċjali "*jinkludu fost oħrajn stediniet għal attivitajiet li jirċievu dawn l-individwi fil-kapaċità tagħhom ta' eks Prim Ministri ta' Malta*."

---

2 Ara https://www.independent.com.mt/articles/2023-03-26/local-news/Diplomatic-passports-should-be-utilised-when-travelling-on-official-duties-Foreign-Ministry-6736250654.

3 Il-policy hija aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/124315/pq11835.pdf.

10. Dan l-Uffiċċju fehem mir-risposta tas-Segretarju Permanenti li ma kienx jeżisti mekkaniżmu biex il-ministeru jżomm kont ta' kif qed jintużaw il-passaporti diplomatiċi minn eks Prim Ministri, u ma kinux qed jinżammu rekords tal-movimenti li jsiru permezz ta' dawn il-passaporti kif kienet titlob il-policy. Dan l-Uffiċċju kiteb lis-Segretarju Permanenti fit-18 ta' Jannar 2024 (**Dokument D**) sabiex jitolbu jgħid jekk dan l-Uffiċċju fehemx sew.

11. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin wieġeb proviżorjament permezz ta' email fl-10 ta' April 2024 (**Dokument E**). Huwa qal li kienu saru konsultazzjonijiet interni bil-għan li jitressqu sett ta' emendi għall-policy, u li l-Ministeru qed ikollu tagħrif sħiħ dwar il-movimenti tal-passaport diplomatiċi.

12. Fil-25 ta' April 2024 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Prim Ministru sabiex jinformah bl-ilment, ifornih bil-korrispondenza elenkata fuq, u jitlob il-veduti tiegħu dwar l-ilment. Il-Prim Ministru wieġeb fl-24 ta' Mejju 2024 (**Dokument F**). Huwa qal li l-eks Prim Ministru Joseph Muscat ingħata passaport diplomatiku bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kabinett f'Diċembru 2019. Qal li dan l-Uffiċċju kien diġà wasal għal konklużjoni dwar din id-deċiżjoni fir-rapport dwar il-każ K/043. Qal li għalhekk dan l-ilment "*ma jimmeritax akkoljiment*".

13. Il-Prim Ministru annetta mal-ittra tiegħu kopja tar-rapport in kwistjoni, kif ukoll kopja ta' ittra datata 13 ta' April 2023 mis-Segretarju tal-Kabinett li telenka l-benefiċċji ta' tmiem il-kariga li ngħata Dr Muscat, inkluż il-passaport diplomatiku. Ir-rapport u l-ittra diġà ġew ippubblikati minn dan l-Uffiċċju[4] u għaldaqstant mhumiex annessi ma' din id-deċiżjoni.

14. Is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta risposta definittiva fil-11 ta' Lulju 2024 (**Dokument G**). Huwa qal li policy riveduta dwar il-passaporti diplomatiċi ġiet approvata mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u għalhekk daħlet fis-seħħ. Huwa annetta kopja tal-policy riveduta, li hija datata 6 ta' Lulju 2024. Qal li l-policy riveduta torbot l-użu tal-passaport diplomatiku aktar direttament mal-qadi ta' dmirijiet uffiċjali tagħhom. Reġa' qal li l-Ministeru qiegħed iżomm tagħrif sħiħ dwar il-movimenti tal-passaporti diplomatiċi.

---

[4] Ara https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K043.pdf. Dan ir-rapport jinkludi l-ittra tas-Segretarju tal-Kabinett tat-13 ta' April 2023 bħala d-Dokument F.

15. Fost affarijiet oħra, il-policy riveduta tgħid li:

*a. Diplomatic Passports shall be used only for travel overseas in discharge of official duties.*

*b. Officers making use of the Diplomatic Passports for travel overseas other than for the discharge of official duties, will jeopardise their eligibility to retain a Diplomatic Passport. Action will be taken against those who are found to be in breach of this regulation.*

*c. The holder of a Diplomatic Passport may retain his/her passport in his/her possession until such time as the officer remains eligible to hold a Diplomatic Passport. This means that once the Diplomatic Passport holder is no longer eligible to retain such passport, the Diplomatic Passport shall immediately be returned to the Human Resources Section at MFET* [Ministeru għall-Affarijiet Barranin].

*d. The Permanent Secretary (MFET) retains the right to refuse issuance, recall and/or cancel a Diplomatic Passport at any given time.*

*e. The Permanent Secretary (MFET) shall carry out the necessary procedures to withdraw and cancel a Diplomatic Passport when the holder is deemed to be no longer eligible for, authorised to hold a Diplomatic Passport or at his/her discretion.*

**Konsiderazzjonijiet**

16. Mhux ċar jekk il-Prim Ministru hux qed iġib l-argument (Dok F) li dan l-Uffiċċju diġà kkunsidra l-għoti ta' passaport diplomatiku lil Dr Muscat, jew inkella li l-passaport diplomatiku ngħata bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Kabinett.

17. Fi kwalunkwe każ, l-ewwel argument ma japplikax għaliex ir-rapport ta' dan l-Uffiċċju dwar il-każ K/043 ma jidħol xejn fil-kwistjoni tal-għoti tal-passaport diplomatiku.

18. Fir-rigward tat-tieni argument, Dr Muscat kien intitolat għal passaport diplomatiku bħala eks Prim Ministru, l-istess bħal ma kellhom dawk li ġew qablu. Dan joħroġ mid-diplomatic passport policy, li tirrifletti l-prattika f'pajjiżi

oħra,[5] u huwa kkonfermat minn Dr Lawrence Gonzi, li qal pubblikament li l-passaport diplomatiku tiegħu ma kienx parti mill-benefiċċji ta' tmiem il-kariga li huwa kien ingħata.[6] Għalhekk l-għoti tal-passaport diplomatiku lil Dr Muscat ma kinitx tiddependi fuq id-deċiżjoni tal-Kabinett ta' Diċembru 2019.

19. Madankollu, il-fatt li l-passaport diplomatiku huwa espliċitament inkluż fid-deċiżjoni tal-Kabinett ifisser li xorta japplika l-artikolu 13(4) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jgħid:

> *Fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, il-Kummissarju m'għandux jippreġudika t-twettiq ta' kull dmir assenjat jew prerogattiva mogħtija mill-Kostituzzjoni lil xi persuna, awtorità jew detentur ta' kariga politika u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ngħad qabel,* ***huwa m'għandux jippreġudika l-poteri u prerogattivi tal-Prim Ministru fuq il-Kabinett****.* [Enfażi miżjuda.]

20. Il-Kummissarju għall-Istandards preċedenti ikkunsidra kif għandha tiġi interpretata din id-dispożizzjoni. Huwa qal li "*minn dak l-artikolu jsegwi li l-Kabinett mhux sindakabbli mill-uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika u li l-għan tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika kienet li jiġi sindakat l-għemil ta' ministru jew persuna partikolari, u mhux deċiżjoni tal-Kabinett.*"[7]

21. Wieħed għandu jippreċiża li l-ilment jittratta mhux dwar id-deċiżjoni li Dr Muscat jingħata passaport diplomatiku (li hija wkoll preskritta taħt l-artikolu 14 tal-Att), iżda dwar il-fatt li baqa' jitħalla jużah. Madankollu, hawn japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li s-sottoskritt qajjem fir-rapport tiegħu dwar il-każ K/043 fir-rigward ta' benefiċċji oħra li ngħataw lil Dr Muscat:

---

5 Ara per eżempju https://www.handyvisas.com/faq/diplomatic-passport u https://www.cbc.ca/news/politics/canada-passports-diplomatic-mexico-citizenship-global-affairs-review-1.4025844.

6 Ara l-artiklu tal-ġurnal *MaltaToday* datat 15 ta' Marzu 2023 u aċċessibbli minn https://www.maltatoday.com.mt/news/national/121819/greens_say_muscat_should_have_no_diplomatic_passport_with_immunity.

7 Ara d-Dokument D fir-rapport dwar il-każ K/026 (21 ta' Lulju 2021), aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K026.pdf.

*37.* [...] *ġaladarba dawn il-benefiċċji ngħataw lil Dr Muscat b'deċiżjoni tal-Kabinett, wieħed ma jistax jistenna li jiġu rtirati unilateralment mill-Prim Ministru, għaliex b'hekk il-Prim Ministru jkun qed imur kontra deċiżjoni tal-Kabinett. Għalhekk il-Prim Ministru Robert Abela ma jistax jinżamm risponsabbli talli ma ġewx irtirati l-benefiċċji mhux monetarji ta' Dr Muscat.*

*38. Huwa minnu li l-Prim Ministru jista' jerġa' jqajjem din il-kwistjoni mill-ġdid fil-Kabinett, iżda s-setgħa ta' Prim Ministru li jiddetermina l-aġenda tal-Kabinett hija koperta mill-artikolu 13(4) tal-Att. Għalhekk is-sottoskritt ma jistax jissindika deċiżjoni tal-Prim Ministru li jressaq jew ma jressaqx materja għall-konsiderazzjoni tal-Kabinett.*

22. Għalhekk l-artikolu 13(4) tal-Att ikopri anki l-fatt li Dr Muscat baqa' jitħalla juża l-passaport diplomatiku tiegħu.

23. L-Ilmentatur jallega wkoll li Dr Muscat qed jibbenefika mill-użu tal-passaport diplomatiku fix-xogħol privat tiegħu. Fi kliem ieħor, l-Ilmentatur jallega li d-diplomatic passport policy mhix qed tiġi segwita. Din l-allegazzjoni partikolari mhix koperta mill-artikolu 13(4) tal-Att, għaliex m'hemm ebda indikazzjoni li l-Kabinett eżenta lil Dr Muscat milli jsegwi l-policy.

24. Madankollu, Dr Muscat m'għadux Prim Ministru jew deputat parlamentari, u għalhekk ma jaqax taħt l-ambitu tal-Att kif definit fl-artikolu 3(1). M'hemm ebda indikazzjoni li xi persuna li taqa' taħt l-Att hija kompliċi fl-allegat ksur tal-policy. Għaldaqstant din l-allegazzjoni ma tistax tiġi investigata minn dan l-Uffiċċju.

25. F'dan il-kuntest, però, l-esponent bi pjaċir jinnota li l-ftuħ ta' dan l-ilment wassal biex l-uffiċċju governattiv involut wiegħed li se jieħu passi biex ikun hemm aktar kontroll tal-użu ta' passaporti diplomatiċi, u din il-wegħda effettivament inżammet.

**Konklużjoni**

26. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-Uffiċċju ddeċieda ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li m'hemmx bażi biex dan l-ilment ikompli jiġi investigat.

27. Naturalment dan l-Uffiċċju eżamina l-ilment fid-dawl tas-sitwazzjoni eżistenti meta ġie sottomess fl-2023. Sta għall-gvern li jikkunsidra x'azzjoni

tista' tkun meritata fiċ-ċirkostanzi preżenti, senjatament il-proċeduri kriminali fir-rigward ta' Dr Muscat. Dan naturalment sakemm ma jkunx hemm xi ordnijiet mill-awtorità jew tribunal kompetenti.

28. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Ilmentatur għall-finijiet tal-artikolu 17(3) tal-Att, kif ukoll lill-Prim Ministru Robert Abela bħala l-persuna li dwarha sar l-ilment.

29. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni li mhux se ssir investigazzjoni ulterjuri, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat minn dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 15 ta' Marzu 2023 mingħand il-Prof. Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 3 ta' Novembru 2023 lis-Sur Christopher Cutajar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ. |
| Dokument Ċ | Email datata 30 ta' Novembru 2023 mingħand is-Sur Cutajar. |
| Dokument D | Ittra datata 18 ta' Jannar 2024 lis-Sur Cutajar. |
| Dokument E | Email datata 10 ta' April 2024 mingħand is-Sur Cutajar. |
| Dokument F | Ittra datata 24 ta' Mejju 2024 mingħand l-Onor. Dr Robert Abela, Prim Ministru. |
| Dokument G | Email datata 11 ta' Lulju 2024 mingħand is-Sur Cutajar. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Request for investigation regarding the Prime Minister Robert Abela allowing former Prime Minister Joseph Muscat
**Date:** 15 March 2023 14:40:52

---

Għażiż Kummissarju Azzopardi,

L-ewwel nett, awguri għall-ħatra ġdida tiegħek u nawguralek ħidma sfiqa u profikwa.

Hawn issib it-talba tiegħi għal investigazzjoni fl-aġir tal-Prim Ministru Robert Abela:

**Request for investigation regarding the Prime Minister Robert Abela allowing former Prime Minister Joseph Muscat to continue to retain and use a diplomatic passport, when Joseph Muscat is no longer a public official or representative of the government of Malta**

I refer to media reports of the Parliamentary Question answered by Prime Minister Robert Abela in relation to former premier Joseph Muscat's severance package.

https://www.independent.com.mt/articles/2023-03-14/local-news/Diplomatic-passport-was-part-of-Joseph-Muscat-s-Prime-Minister-termination-package-6736250375

It results that Prime Minister Abela is allowing Joseph Muscat to **to continue to retain and use a diplomatic passport,** when Joseph Muscat is no longer a public official or representative of the government of Malta.

This is an unheard of misuse of power. A diplomatic passport is retained and used by officers of the Maltese state or persons working on diplomatic missions for the Maltese authorities. Joseph Muscat is neither of the two.

It is also objectionable that Joseph Muscat who is now in private business, should benefit from the continued use of that diplomatic passport (a public "good") to benefit privately and individually.

In view of this I would ask you to investigate whether the Prime Minister Robert Abela is breaching the Code of Ethics by not withdrawing the use of the diplomatic passport by Joseph Muscat as it is against the Code of Ethics for Ministers and Parliamentary Secretaries ( as in appearing in the second schedule of the Standards in Public Life Act (chapter 570 of the laws of Malta) because
-there is no law contemplating non-diplomats or persons who are not public officials from having a diplomatic passport, so allowing this retention and use to this day, is in breach of law and the duty of objectivity and accountability.

- There is a breach of Paragraph 7.9 of the Code of Ethics (which has been allowed by Prime Minister Abela to this day). This states:
*7.9 When a Minister terminates his appointment, he shall return to the Cabinet Secretary all the documents, material and resources that were given and entrusted to him in order to perform his duties.* ***As customary, it is within the Prime Minister's discretion to permit to ex-Ministers reasonable access to documents and material concerning the period during which they held ministerial office.***

**It is questionable whether a diplomatic passport falls under the definition of**

**"documents and material" in this Paragraph, but even if it were - it is not "reasonable" for Prime Minister Abela to allow a former Prime Minister to retain access of a diplomatic passport for more than 3 years after he has left office. This is a continuing breach of this paragraph and therefore not time barred.**

**Please investigate this breach.**

Yours truly

Professor Arnold Cassola
[redacted]

DOKUMENT B

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

3 ta' Novembru 2023

Is-Sur Christopher Cutajar
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Bl-email fuq christopher.a.cutajar@gov.mt

Sur Cutajar,

**Talba għal informazzjoni dwar regolamenti fuq passaporti diplomatiċi**

Nirreferi għall-ittra tiegħi tat-30 ta' Marzu 2023 u r-risposta tiegħek tal-24 ta' April 2023, fejn inti ġentilment bgħatt kopja tad-Diplomatic Passport Policy lil dan l-uffiċċju.

Skont dan id-dokument, dawk eliġibbli għal passaport diplomatiku jinkludu "*Former Prime Ministers and their respective spouses if he/she is accompanying as part of an official government delegation*". Nifhem li r-rekwiżit li wieħed jifforma parti minn delegazzjoni uffiċjali japplika għall-konjuġi ta' eks Prim Ministru biss, u mhux għall-eks Prim Ministru innifsu. Nitolbok tinformani jekk din l-interpretazzjoni hix korretta.

Barra minn hekk, nosserva li d-dokument jgħid li passaport diplomatiku jista' jintuża biss fil-qadi ta' dmirijiet uffiċjali (paġna 5). Nosserva wkoll li s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huwa obbligat iżomm kont tal-użu ta' passaporti diplomatiċi (paġna 3) u jagħti rendikont dwar dan lis-Segretarju Permanenti Ewlieni (paġna 2).

Fid-dawl ta' dan, inti ġentilment mitlub tinformani:

(a) x'inhuma meqjusa bħala dmirijiet uffiċjali fil-każ ta' eks Prim Ministri; u

(b) kif jiġi żgurat li eks Prim Ministri jużaw il-passaport diplomatiku tagħhom biss għal dawn il-finijiet.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 24 ta' Novembru 2023**.

Insellimlek,

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef Emeritu
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT Ċ

**From:** Cutajar Christopher at MFET
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Cc:** Bajada Margot Ann at MFET; Mifsud Duncan at MFET
**Subject:** RE: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
**Date:** 30 November 2023 15:32:28
**Attachments:** image005.png

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika

**ATTN: Sur Charles Polidano - DG OCSPL**

30 ta' Novembru 2023

Għażiż Prim Imħallef Emeritu,

B'referenza għall-aħħar ittra tiegħek datata 3 ta' Novembru 2023 (annessa mal-email t'hawn taħt), nixtieq nissottometti l-informazzjoni segwenti għall-kummenti u t-talbiet magħmula fiha.

Fir-rigward tal-ewwel punt, cjoé dwar ir-rekwiżit li wieħed ikun parti minn delegazzjoni uffiċċjali tal-gvern, il-Ministeru jinnota li bi żvista, fil-policy mhux qed issir id-distinzjoni bejn meta wieħed jifforma parti minn delegazzjoni uffiċċjali tal-gvern (imsemmiha f'partijiet differenti tat-taqsima dwar ir-rekwiżiti) u l-qadi ta' dmirijiet uffiċċjali kif imniżżla fl-aħħar taqsima tal-policy, cjoé dik fuq il-linji gwida u obbligazzjonijiet ta' detenturi ta' passaport diplomatiku. F'dan ir-rigward il-Ministeru se jirrevedi din il-policy bil-għan li jagħmel it-tibdiliet neċessarji fir-rekwiżiti sabiex dawn jirriflettu l-linji gwida, u allura li l-użu tal-passaport diplomatiku minn tali individwi se jintrabat b'mod iktar dirett mal-qadi ta' dmirijiet uffiċċjali tagħhom.

B'referenza għat-tieni parti tal-ittra tiegħek, u jorbot ukoll mar-risposta li qed tingħata hawn fuq, dmirijiet uffiċċjali li jistgħu jiġu meqjusa bħala tali jinkludu fost l-oħrajn stediniet għal attivitajiet li jirċievu dawn l-individwi fil-kapaċità tagħhom ta' eks-Prim Ministri ta' Malta.

Il-Ministeru għandu wkoll l-intenzjoni li jinkludi dikjarazzjoni li jrid jiffirma kull detentur tal-passaport diplomatiku fejn jintrabat li jagħmel użu minn tali passaport b'rabta ma' dmirijiet uffiċċjali.

Filwaqt li nittama li dan ta' hawn fuq jiċċara l-applikazzjoni tal-policy, il-Ministeru jibqa' disponibbli jekk ikun hemm aktar informazzjoni jew kjarifiċi meħtieġa.

Tislijiet,


Christopher Cutajar
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

t +356 22042318 e christopher.a.cutajar@gov.mt
www.foreign.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE
17, PALAZZO MELITA, MELITA STREET, VALLETTA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** 03 November 2023 10:38
**To:** Cutajar Christopher at MFET <christopher.a.cutajar@gov.mt>
**Subject:** RE: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Segretarju Permanenti
MFET

Nirreferi għall-korrispondenza t'hawn taħt.

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

DOKUMENT D

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

18 ta' Jannar 2024

Is-Sur Christopher Cutajar
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Affarijiet Barranin u
Ewropej u l-Kummerċ

Bl-email fuq christopher.a.cutajar@gov.mt

Sur Cutajar,

**Talba għal informazzjoni dwar**
**regolamenti fuq passaporti diplomatiċi**

Nirreferi għall-ittra tiegħi tat-3 ta' Novembru 2023 u r-risposta tiegħek tat-30 ta' Novembru.

Nifhem mir-risposta tiegħek li fil-preżent ma jeżistix mekkaniżmu biex il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin iżomm kont ta' kif qegħdin jintużaw il-passaporti diplomatiċi minn eks Prim Ministri.

Nifhem ukoll allura li mhux qed jinżammu rekords tal-movimenti li jsiru permezz tal-passaporti diplomatiċi, u mhux qed isiru rapporti annwali lis-Segretarju Permanenti Ewlieni dwar dawn il-movimenti.

Nitolbok tgħidli jekk dan huwiex korrett jew le. Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 2 ta' Frar 2024**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

# DOKUMENT E

| | |
|---|---|
| **From:** | Cutajar Christopher at MFET |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Cc:** | Bajada Margot Ann at MFET; Mifsud Duncan at MFET; Curmi Anne Marie at MFET; Borg Maria at MFET |
| **Subject:** | FW: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika |
| **Date:** | 10 April 2024 17:38:01 |
| **Attachments:** | image003.png<br>Letter to PS MFET 2024-01-18.pdf |

Sur Polidano,

Ġentilment ngħarrfek li saru l-konsultazzjonijiet interni biex inkunu nistgħu nressqu sett ta' emendi għall-policy dwar il-passaporti diplomatiċi bil-għan li dawn jgħaddu għall-kunsiderazzjoni tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Barra minn hekk, se tkun se tiġi introdotta sistema elettronika bil-għan li tali applikazzjonijiet għall-passaporti diplomatiċi jkunu jistgħu jsiru elettronikament ma' ***identita'*** u jgħaddu għall-approvazzjoni ta' MFET elettronikament ukoll.

Qed ikollna wkoll tagħrif sħiħ dwar il-movimenti ta' tali passaporti diplomatiċi.

Għaldaqstant, nitolbok tikkunsidra din it-tweġiba bħala waħda proviżorja, sabiex ġaladarba dan il-proċess kollu jkun magħluq inwieġbek b'mod strutturat u eżawrjenti b'ittra uffiċjali.

Tislijiet,


Christopher Cutajar
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

**t** +356 22042318 **e** christopher.a.cutajar@gov.mt
www.foreign.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR FOREIGN AND
EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

17, PALAZZO MELITA, MELITA STREET,
VALLETTA, MALTA


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Cutajar Christopher at MFET <christopher.a.cutajar@gov.mt>
**Sent:** Thursday, January 18, 2024 10:34 PM
**To:** Cutajar Christopher at MFET <christopher.a.cutajar@gov.mt>
**Subject:** Fwd: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Christopher Cutajar

Permanent Secretary for Foreign, European Affairs and Trade - Republic of Malta

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.mt>
**Sent:** Thursday, January 18, 2024 12:57:42 PM
**To:** Cutajar Christopher at MFET <christopher.a.cutajar@gov.mt>
**Subject:** RE: Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Segretarju Permanenti
MFET

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika b'rabta mal-korrispondenza t'hawn taħt.

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

DOKUMENT F

PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

24 ta' Mejju 2024

**Prim Imħallef Emeritu Dr. Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

**Rif. Każ Nru. K/060 – użu ta' passaport diplomatiku mill-eks Prim Ministru Joseph Muscat**

Sur Kummissarju,

Niktiblek b'riferenza għall-każ fuq imsemmi u b'risposta għall-ittra tiegħek tal-25 ta' April 2024.

Nosserva illi l-għoti tal-passaport diplomatiku lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat hu l-mertu tad-deċiżjoni mgħotija mill-Kabinett għall-Ministri f'Diċembru 2019 rigwardanti l-benefiċċji ta' terminazzjoni mill-kariga tal-istess eks Prim Ministru [**Dokument A**].

Nirrileva illi int diġa kkonkludejt dwar din id-deċiżjoni tal-Kabinett, u dan fir-rapport tiegħek tat-13 ta' Marzu 2023 rigward il-*Każ K/043 – benefiċċji ta' tmiem il-ħatra li ngħataw lill-eks Prim Ministru Joseph Muscat* [**Dokument B**].

Għalhekk dan l-ilment ma jimmeritax akkoljiment.

Għoddni tiegħek,

**Robert Abela**

DOKUMENT G

# Ittra mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Cutajar Christopher at MFET

Thu 11/07/2024 15:49

To:Polidano Charles at Standards <charles.polidano@parlament.mt>;

Cc:Curmi Anne Marie at MFET <anne-marie.curmi@gov.mt>; Bajada Margot Ann at MFET <margot-ann.bajada@gov.mt>;

1 attachments (550 KB)

Diplomatic Passport Policy - July 2024.pdf;

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-iStandards

ATTN: Sur Charles Polidano

11 ta' Lulju 2024

Għażiż Prim Imħallef Emeritu,

B'referenza għall-iskambju ta' korrispondenza bejn iż-żewġ naħat rigward il-Policy dwar il-Passaporti Diplomatiċi, nixtieq ninfurmak bis-segwenti.

Bħalma kont ktibtlek fit-30 ta' Novembru, il-Ministeru għamel eżerċizzju sħiħ sabiex din il-policy tiġi rreveduta. Wara li saru l-konsultazzjonijiet interni necessarji, u l-Ministeru lesta l-abbozz bl-emendi għall-policy, din intbagħtet għall-approvazzjoni finali tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. Liema approvazzjoni ingħatat u allura tali policy bdiet tiġi applikata. Bħalma jidher fid-dokument anness ma' dan l-imejl, l-emendi primarji tal-policy kienu emendi fir-rekwiżiti għall-eliġibilta' tal-passaport diplomatiku ta' ċertu uffiċjali jew individwi sabiex dawn jirriflettu l-linji gwida, u allura li l-użu tal-passaport diplomatiku minn tali individwi ntrabat mal-qadi ta' dmirijiet uffiċċjali tagħhom. Saru wkoll xi tibdiliet oħra, fejn id-dokument ħa xejra iktar ta' dokument ta' politika fuq il-materja kkonċernata, b'differenza tal-verżjoni preċedenti fejn kien hemm inkluż il-proċedura tal-applikazzjoni.

Sadattant, il-Ministeru kien qiegħed f'taħditiet ma' l-Aġenzija Identita' dwar proċess elettroniku għall-applikazjoni ta' passaporti diplomatiċi, fejn applikazzjonijiet għal dan il-passaport jintbagħtu awtomatikament fis-sistema virtwali għall-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti ta' dan il-Ministeru (ċjoe' is-sottoskritt). B'din is-sistema l-Ministeru għandu struttura għall-intraċċar u verifikazzjoni fuq il-ħruġ ta' dawn il-passaporti.

Barra minn hekk, il-Ministeru qiegħed iżomm tagħrif sħiħ dwar il-moviment tal-passaporti diplomatiċi.

Għal dan il-għan, il-Ministeru jqis li bl-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri implimenta sistema aktar strutturata u ċara għall-ħruġ u ż-żamma tal-passaporti diplomatiċi.

Tislijiet,

Christopher Cutajar
Permanent Secretary
Office of the Permanent Secretary

t +356 22042318 e christopher.a.cutajar@gov.mt
www.foreign.gov.mt | www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

MINISTRY FOR FOREIGN AND
EUROPEAN AFFAIRS AND TRADE

17, PALAZZO MELITA, MELITA STREET,
VALLETTA, MALTA

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail